MALTA

# QORTI ĊIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-29 ta’ Novembru, 2017

Rikors ta’ Revoka Numru: 224/17LM

Wara l-Mandat ta’ Inibizzjoni biex twaqqaf persuna milli tieħu minuri barra minn Malta bin-numru 292/2016/1AL fl-ismijiet

**Roberto Romano**

***vs.***

**Sharon Lorraine Ross**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors tar-rikorrenti Avv. Alexia J. Farrugia Zrinzo bħala mandatarja ta’ **Sharon Lorraine Ross** (minn issa ’l quddiem “ir-rikorrenti”), li ġie

ppreżentat fis-6 ta' Ottubru, 2017, li jgħid:

*Illi nħareġ l-mandat ta' inibizzjoni* (recte) *hawn fuq ċitat kontra Sharon Lorraine Ross li impedixxa l-partenza ta' bint il-partijiet Gabriella Rae Ross minn Malta.*

*Illi hija l-prassi li mandat kawtelatorju jiġi segwit permezz ta' kawża stante illi mandat ta' inibizzjoni ma jistax jinżamm in vigore b'mod permanenti iżda huwa biss sabiex jikkawtela drittijiet prima facie li għandhom jiġu rrealizzati permezz ta' kawża.*

*Illi minkejja għaddew diversi xhur mill-għeluq tal-medjazzjoni (vide Digriet 985/2017 hawn anness[1]) li kienet akkumpanjat dan il-mandat, dan baqa' ma ġiex segwit b'kawża u għaldaqstant huwa ċar li dan kien mandat magħmul bl-għan li jivvessa lill-intimata fil-ħajja personali tagħha.*

*Illi skont l-artikolu 843(2) tal-Kap. 12, l-effetti ta' mandat kawtelatorju jieqfu jekk ma jiġux segwiti b'kawża u għalhekk dan il-mandat m'għadux in effett peress illi ma saritx kawża fiż-żmien stipulat f'dan l-Artiklu u lanqas saret kawża skont it-terminu stipulat fid-Digriet bin-numru 985/2017.*

*Għaldaqstant l-esponenti qed titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tordna li jiġi revokat għalkollox l-att kawtelatorju fuq indikat ossia l-mandat ta' inibizzjoni Numru 292/2016 u dana ai termini tal-artikolu 836(1)(a) tal-Kap. 12, u dana taħt kull provvediment li jogħġobha timponi.*

Rat ir-Risposta ppreżentata fl-20 ta' Ottubru, 2017 mill-intimat **Roberto Romano** (minn issa 'l quddiem "l-intimat"), fejn ġie eċċepit:

*Illi permezz ta' digriet datat 9 ta' Ottubru, 2017 l-esponenti ngħata terminu ta' sebat (7) ijiem sabiex jippreżenta r-risposta tiegħu għar-rikors tar-rikorrenti Sharon*

[1] *A fol.* 3.

*Lorraine Ross illi permezz tiegħu hija talbet illi jiġi revokat għal kollox l-att kawtelatorju fuq indikat ossia l-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 292/2016.*

*Illi primarjament u f'dan ir-rigward l-esponenti jagħmel referenza għall-artikolu 877(7) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipula bl-aktar mod ċar illi tali mandat ta' inibizzjoni jibqa' jseħħ għal sena, kif fil-fatt għadu fis-seħħ il-mandat odjern, b'dan illi inoltre ai termini tal-artikolu 877(8) l-istess mandat jista' jibqa' jiġi mġedded sena wara sena.*

*Illi f'dan ir-rigward l-esponenti jagħmel referenza għas-sentenza mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet* ***A B ġjà C vs. L-Avukat Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar ġjà nominati kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil DC assenti minn dawn il-gżejjer***[2] *fejn intalbet ir-revoka ta' mandat ta' inibizzjoni għal impediment ta' safar ta' minuri li ġie intavolat mingħajr proċeduri ta' medjazzjoni u mingħajr ma ġie segwit b'kawża, b'dan illi fl-istess sentenza dina l-Onorabbli Qorti caħdet it-talba għar-revoka tal-istess mandat proprju għaliex f'każijiet rigwardanti mandati ta' inibizzjoni bħal dan in kwistjoni ma hemmx l-ħtieġa li l-istess mandat ikun neċessarjament segwit b'kawża.*

*Illi strettament mingħajr preġudizzju għall-premess l-esponenti jirrileva umilment illi fil-każ odjern il-mandat ta' inibizzjoni ġie intavolat mill-istess esponenti kontestwalment ma' proċeduri ta' medjazzjoni intavolati minnu, ai termini tal-artikolu 9(6) tal-Avviż Legali numru 397/2003, bl-għan li jiġu regolati kwistjonijiet importanti rigwardanti l-minuri Gabriella Rae Ross, inkluż iżda ċertament mhux limitat għal dawk dwar kura u kustodja, aċċess, pajjiż ta' residenza u safar mal-minuri.*

*Illi għalkemm inżammu diversi seduti fl-istess medjazzjoni, mal-medjatur Godwin Genovese, ir-rikorrenti għażlet illi ma tikkopera bl-ebda mod b'dan illi effettivament hija ma attendietx għall-maġġor parti tas-seduti relattivi u kien għalhekk illi l-istess proċeduri ta' medjazzjoni kellhom jiġu magħluqa (Dok. 1*[3]*).*

---

[2] *Kontro-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 109/15/1RGM – 27 ta' Ottubru 2015 – Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja)*
[3] *A fol.* 9.

*Illi fil-frattemp l-esponenti kien qed jagħmel dak kollu possibbli sabiex iżomm is-sitwazzjoni bejn il-partijiet kemm jista' jkun kalma u dana fl-interess suprem ta' binthom minuri, b'dan illi kien għalhekk illi huwa baqa' jipprova jikkomunika mar-rikorrenti bl-għan illi l-aċċess tiegħu għal bintu jiġi eżerċitat bi ftehim bejn il-partijiet, filwaqt illi huwa baqa' iħallas, kif del resto dejjem għamel, il-manteniment għal bintu minuri.*

*Illi effettivament, u purament b'ġest ta' buona volontà, l-esponenti reċentement taha anke l-kunsens tiegħu sabiex, nonostante l-mandat de quo, ir-rikorrenti, li hija ta' nazzjonalità Irlandiża, żżur lil ommha ġewwa l-Irlanda flimkien mal-minuri, peress illi skont l-istess rikorrenti, ommha kienet għadha kif għamlet operazzjoni serja.*

*Illi madankollu u nonostante l-kooperazzjoni li dejjem wera l-esponenti, ir-rikorrenti saħansitra waslet sabiex bilkemm ħalliet lill-minuri tkellem lill-esponenti waqt illi hija kienet imsiefra b'dan illi l-esponenti irnexxielu jkellem lill-minuri biss għal ftit minuti in vista tal-fatt illi l-intimata għamlet minn kollox sabiex tostakola l-kuntatt bejn l-esponenti u bintu.*

*Illi di più ir-rikorrenti saħansitra naqset milli tikkomunika mal-esponenti meta ġiet lura Malta bil-minuri, għalkemm huwa pprova jagħmel dan, filwaqt illi sa llum hija għadha qegħda ċċaħdu bl-aktar md assolut milli jara lil bintu tant illi issa huwa ilu ma jaraha mill-aħħar ta' Settembru, u ċjoè preċiżament qabel ma r-rikorrenti siefret mal-minuri.*

*Illi di più u minn meta ġiet lura Malta mill-imsemmija safra, senjatament fis-7 ta' Ottubru, kien hemm diġà żewġ okkażjonijiet, preċiżament fil-ġranet tal-aċċess oriġinarjament miftehma bejn il-partijiet, fejn ir-rikorrenti saħansitra ġabret lill-minuri mill-iskola qabel il-ħin purament biex ma jkunx jista' jiġborha l-esponenti.*

*Illi fil-frattemp l-istess rikorrenti għadha qed tibqa' thedded illi ser tieħu lill-minuri barra minn Malta arbitrajament b'dan illi anke f'dan ir-rigward hija qed tagħti verżjonijiet differenti tant illi tgħid illi ġieli trid tieħu lill-minuri ġewwa Isle of Man u ġieli l-Irlanda. Effettivament dina l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta, laqgħet it-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni wara li semgħet*

*lill-partijiet u wara li ġew ikkunsidrati l-fatti partikolari tal-każ odjern u r-riskju serju li r-rikorrenti titlaq minn Malta bil-minuri.*

*Illi in vista ta' dan l-aġir da parti tar-rikorrenti l-esponenti ma kellu l-ebda għażla ħlief li jerġa' jinizja proċeduri ta' medjazzjoni u dan kif jirriżulta mill-ittra hawn annessa bħala Dok. 'A'*[4] *u dan sabiex jiġu regolati l-interessi tal-minuri li kjarament mhumiex qed jiġu mħarsa mill-istess rikorrenti.*

*Illi l-esponenti jirrileva umilment illi f'każ illi jiġi revokat il-mandat in kwistjoni hemm periklu imminenti li r-rikorrenti, li kif spjegat hija barranija, titlaq minn Malta bil-minuri u dan b'detriment serju għall-esponenti li għandu kura u kustodja konġunta tal-istess bintu li magħha dejjem kellu relazzjoni eċċellenti.*

*Illi fuq kollox ir-revoka tal-mandat de quo tkun ta' preġudizzju nġenti għall-minuri li issa stabbiliet ir-residenza tagħha f'Malta fejn ilha tirrisjedi għal diversi snin, b'dan illi inoltre l-istess minuri teħtieġ ukoll il-preżenza ta' missierha f'ħajjitha li dejjem kien preżenti u involut fil-ħajja tagħha kemm mil-lat emozzjonali, fiżiku u anke finanzjarju.*

*Illi kif fuq spjegat hemm proċeduri pendenti ta' medjazzjoni proprju rigwardanti l-minuri b'dan illi għaldaqstant ċertament jeħtieġ illi l-istess mandat jibqa' fis-seħħ sabiex jitħarsu l-interessi tal-esponenti u fuq kollox tal-minuri Gabrielle Rae Ross li teħtieġ protezzjoni partikolarment in vista tal-intenzjonijiet ċari tar-rikorrenti li ċċaħħad lill-minuri minn missierha u li toħodha barra minn Malta arbitrarjament.*

*Għaldaqstant u in vista tas-suespost l-esponenti jitlob umilment illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjeż, fl-intier tagħha, u dan taħt dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tar-Rikors.

---

[4] *A fol.* 10.

Rat l-atti kollha tal-Mandat ta' Inibizzjoni 292/16/1AL.

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-13 ta' Novembru, 2017 fejn ir-rikors tħalla għal provvediment għal-lum.

Rat l-artikoli rilevanti tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta relattivi għal mandati ta' inibizzjoni, u partikolarment mandati ta' inibizzjoni biex twaqqaf persuna milli tieħu minuri barra minn Malta u relattivi għal talbiet għar-revoka ta' tali mandati, partikolarment l-artikoli 831, 836, 843, 873, 875, 876A u 877.

Ir-rikorrenti qiegħda titlob ir-revoka tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 292/16/1AL li waqqafha milli tieħu lill-minuri bintha Gabriella Rae Ross barra minn Malta, liema Mandat kien inħareġ fuq talba tal-intimat, missier il-minuri. It-talba għar-revoka tal-Mandat qiegħda ssir abbażi tal-artikolu 843(2) tal-Kap. 12 u dan stante li l-Mandat ma ġiex segwit b'kawża fi żmien għoxrin jum mill-ħruġ tiegħu, minkejja li għaddew diversi xhur mill-għeluq tal-medjazzjoni (Digriet 985/2017[5]). Ir-rikorrenti ssostni li dan juri li l-Mandat ta' Inibizzjoni kien maħruġ biss bl-iskop li jivvessaha.

[5] 09.05.2017, *a fol*. 3.

L-intimat laqa' għat-talba tar-rikorrenti billi sostna li skont l-artikolu 877 tal-Kap. 12 mandat ta' inibizzjoni ta' din ix-xorta jibqa' fis-seħħ għal sena, kif fil-fatt għadu fis-seħħ il-mandat odjern, u inoltre ai termini tal-artikolu 877(8) tal-Kap. 12 dan il-mandat jista' jiġi mġedded għal iżjed minn darba imma mhux għal aktar minn sena kull darba. Barra minn hekk il-proċeduri ta' medjazzjoni ġew terminati unikament minħabba li r-rikorrenti għażlet illi ma tikkoperax bl-ebda mod u ma kinitx qed tattendi għall-medjazzjoni. Minħabba dan l-aġir tar-rikorrenti, l-intimat ma kellu ebda triq oħra ħlief li jerġa' jagħti bidu għall-proċeduri ta' medjazzjoni.[6] L-intimat jikkontendi li jekk ma jibqax *in vigore* il-Mandat, hemm periklu imminenti li r-rikorrenti, li hija barranija, titlaq minn Malta bil-minuri u dan b'detriment serju għall-intimat li għandu kura u kustodja konġunta ta' bintu.

## Kunsiderazzjonijiet legali

Illi t-talba tar-rikorrenti qiegħda ssir abbażi tal-artikolu 843(2) tal-Kap. 12 li jipprovdi illi jekk min ikun kiseb il-ħruġ tal-Mandat jonqos milli jagħmel kawża fi żmien għoxrin jum mill-ħruġ tal-mandat, mingħajr raġuni tajba, l-effetti tal-mandat jieqfu.

[6] *A fol.* 10, ippreżentata fit-13 ta' Ottubru 2017. L-intimat ġie notifikat bir-rikors odjern datat 6 ta' Ottubru, 2017, fl-14 ta' Ottubru, 2017, wara li kien ippreżenta t-talba għall-medjazzjoni.

Tqis però li fir-rigward ta' Mandat ta' Inibizzjoni biex iwaqqaf persuna milli tieħu persuna ta' taħt l-età barra minn Malta, bħall-Mandat odjern li qed tintalab ir-revoka tiegħu, l-artikolu 877(7) tal-Kap. 12 jagħmilha ċara li:

> "(7) Il-mandat li l-effett tiegħu ma jkunx spiċċa għal raġunijiet oħra, **jibqa' jseħħ għal sena li tibda għaddejja minn dak in-nhar li jinħareġ**[7], kemm-il darba, f'dan iż-żmien, ma jiġix mogħti lir-rikorrent, fuq rikors tiegħu, it-tiġdid taż-żmien".

Dan is-subartikolu ġie interpretat mill-Qrati tagħna bħala eċċezzjoni għar-regola ġenerali li tinsab fl-artikolu 843(2) tal-Kap. 12 u ċjoè li l-effetti tal-Mandat jieqfu jekk min ikun kiseb il-ħruġ tal-Mandat jonqos milli jagħmel il-kawża għall-jedd imsemmi fil-Mandat fi żmien għoxrin jum mill-ħruġ tal-Mandat. Fil-proċeduri fl-ismijiet **Avukat Dr Peter Fenech *noe vs.* AB**[8] ġie ritenut:

> "... għalkemm il-mandati kontemplati fl-artikoli 873, 874 u 876 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jibqgħux fis-seħħ jekk ma ssirx kawża biex jingħata d-dritt kontemplat fl-istess mandat, l-Artikolu 877 ma jikkontemplax li trid issir kawża biex jibqa' validu jew li hemm bżonn ta' xi titolu eżekuttiv biex il-mandat jibqa' validu."

Barra minn hekk fid-deċiżjoni fl-ismijiet **AB ġjà C *vs.* l-Avukat Renzo Porsella Flores *et noe***[9], il-Qorti kienet ċaħdet t-talba għar-revoka tal-Mandat ta'

[7] Enfasi ta' din il-Qorti.
[8] Q.Ċ. (Sez. Fam.), 11.02.2016 *per* l-Imħallef Abigail Lofaro.
[9] Q.Ċ (Sez. Fam.), 27.10.2015 *per* l-Imħallef Robert Mangion.

Inibizzjoni għall-impediment ta' safar ta' minuri allavolja l-Mandat ma kienx ġie segwit b'kawża.

Tqis għalhekk bħala mhux valida fil-liġi s-sottomissjoni tar-rikorenti illi l-effetti tal-Mandat illum spiċċaw għax ma ġiex segwit b'kawża. Għaldaqstant ma jistax jingħad li l-Mandat ta' Inibizzjoni 292/2016 illum m'għadux fis-seħħ u t-talba tar-rikorrenti ma tistax tkun milqugħa.

L-avukat difensur tar-rikorrenti fit-trattazzjoni finali ssostni li bil-Mandat qiegħed jinkiser ukoll id-dritt tar-rikorrenti li ssiefer mingħajr xkiel, id-dritt tal-moviment ħieles. Ir-rikorrenti tagħmel riferiment għal żewġ sentenzi[10] tal-Qrati tagħna, fejn mandati maħruġa taħt l-artikolu 877 tal-Kap. 12 ġew revokati minħabba ksur tad-dritt tal-moviment ħieles.

Apparti li s-sentenzi ċitati mir-rikorrenti kienu jittrattaw fattispeċi kemxejn differenti minn dawk tal-kawża odjerna, tqis illi kif ġie ritenut kostantement mill-Qrati tagħna, fi proċeduri bħal dawn l-istħarriġ li għandha tagħmel din il-Qorti hu wieħed *prima facie*[11] u dan fil-limiti stretti tal-kawżali indikata fir-Rikors promotur abbażi ta' liema r-rikorrenti talbet għar-revoka tal-Mandat. Fir-rikors odjern intalbet ir-revoka tal-Mandat abbażi biss tal-kawżali li l-intimat ma segwix il-ħruġ tal-Mandat b'kawża, liema talba qiegħda però tiġi miċħuda għax hija ġuridikament bla bażi.

---

[10] **Farrugia *utrinque,*** Q.Ċ. (Sez. Fam.), 09.11.2005 u **A B ġià C *vs.* L-Avv. Porsella Flores *et noe*** ċċitata wkoll mill-intimat.
[11] Ara **Visa Investments Limited *vs.* Blye Engineering Company Limited,** P.A., 07.02.2001.

## Decide

**Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tiċħad it-talba għar-revoka tal-Mandat ta' Inibizzjoni biex twaqqaf persuna milli tieħu minuri barra minn Malta Numru 292/2016/1AL, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.**

Moqrija.